MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 929/2011

**Christopher Charles Glackin**

**vs**

**John Debono**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-27 ta’ Settembru 2011 li jghid hekk:

Illi jiena ilni naf lil intimat ghall-numru ta' snin u fil-fatt noqghodu fl-istess block ta' appartamenti fil-Qawra. Xi snin ilu l-intimat kien qalli illi kellu bzonn xi flus u jiena kont iddecidejt illi nghinu billi inselfu xi haga tal-flus.

Illi b'kollox jiena kont slift lil intimat is-somma komplessiva ta' mija u hamsin elf lira sterlina (STG150,000) ekwivalenti

ghall-mija sebghin elf seba’ mija erbgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€170,784.47), u dana bil-mod segwenti: STG 30,000 fil-11 ta' Lulju 2003 (Vide Dok. B), STG 8,500 fil-11 ta' Lulju 2005 (Vide Dok. C), STG 40,000 fit-30 ta' Lulju 2005 (Vide Dok. D), STG 30,000 fil-11 ta' Lulju 2006 (Vide Dok. E), u STG 41,500 fis-19 ta' Settembru 2006 (Vide Dok. F).

Illi minkejja illi t-terminu illi inghata lill-intimat sabiex irodd lura l-ammonti mislufa lilu skada, u minkejja illi gie interpellat sabiex ihallas lir-rikorrenti huwa baqa' inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu w dovut u fl-opinjoni tar-rikorrenti l-intimati m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti w ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din il-Qorti m'ghandiex: [1] taqta' u tiddeciedi l-kawza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 u cjoe bid-dispensa tas-smigh; [2] tiddikjara lill-intimat bhala debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' mija u hamsin elf lira sterlina (STG150,000) ekwivalenti ghall-mija sebghin elf seba’ mija erbgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€170,784.47); [3] tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata. Kollox skond kif gie dikjarat aktar 'l fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Mejju 2011, tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 2011 u tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment mal-presenti kontra l-intimat li minn issa jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament , ma jezistghux ir-rekwisiti sabiex dawn il-proceduri jinstemghu ai termini tal-artikolu 167 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta Malta u b’hekk din l-Onor Qorti m'ghandhiex tiddispensa mis-smigh ta’ din il-kawza;

2. Illi in linja preliminari l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li kwalunkwe relazzjoniet li saru mal-attur saru fil-kapacita tieghu ta' Direttur u ghan-nom ta' C & J Debono Limited (C7096). Hu m'ghandhux ikopri din il-kariga;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, kwalunkwe self imsemmi fir-rikors promotur moghti mill-attur lill-konvenut, huwa null u bla effett billi nghata minghajr il-kunsens ta’ mart l-attur kif ukoll minghajr il-kunsens ta' mart il-konvenut u dan kif mehtieg mill-artikolu 1322(3)(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, it-talbiet attrici kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi apparti l-ammont mitlub ta’ tletin elf sterlina (£30,000) kif miftihem f'Dok. B esebit mar-rikors guramentat li gie mhallas lura fl-intier tieghu, l-ebda ammont iehor ma qatt gie trasferit lil esponent, la fil-kapacita personali tieghu u fl-ebda kapacita ohra;

5. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, fl-iskrittura privata u mmarkata bhal Dok. E, hemm disposizzjonijiet kunfligenti li bla ebda mod konklussiv ma juru li sar xi self fil-11 ta' Lulju 2007;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-iskrittura privata u mmarkata bhal Dok. E, mhijiex iffirmata mil-attur u ghalhekk trid tigi awtentikata ai termini tal-artikolu 1233 ta Kap. 16;

7. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-iskritturi privati annessi mar-rikors tar-rikorrent jirreferu ghall-imghax li jeccedu r-rata ta' imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena, li hi oghla mir-rata ta' imghax permessibbli bil ligi ai termini tal-artikolu 1852 Kap. 16;

8. Illi minghajr pregudizzju ghal premess l-attur naqas milli jghaddi lill-istess eccipjent rricevuti ghall-pagamenti kollha vversati minghajr ebda raguni valida fil-ligi, u ghaldaqstant l-eccipjenti ma ghandhomx ibatu la l-ispejjez ta' din il-

kawza, u lanqas l-imghax, u dan anke fuq l-iskorta tal-principju "malitis non est indulgendum";

9. IIIi minghajr pregudizzju ghal premess ir-rikors promotur huwa nieqes mir-rekwizit stabbilt f'artikolu 156(4) ta' Kap. 12 stante li fil-lista tax-xhieda m'hemmx referenza ghal fatti u xi prova bi hsiebu jaghmel b'uhud mix-xhieda hemm elenkati.

Salv risposti ulterjuri

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Din hi kawza ghal hlas lura ta' flus mislufa f'diversi okkazjonijiet mill-attur lill-konvenut. Dawn l-ammonti kienu ta' sterlina 30,000 mislufa bi skrittura fil-11 ta' Lulju 2003 (Dok. B a fol. 4 tal-process) liema skrittura giet rinnovata bi skrittura ohra tal-11 ta' Lulju 2006 (Dok. D) u dan gie konfermat mill-attur fl-affidavit tieghu u fil-fatt talab li ssir korrezzjoni fit-talbiet tieghu billi dan kien ammont wiehed u mhux tnejn kif jidher mill-att promotur. Saret skrittura ohra ta' self ta' sterlina 8,500 fil-11 ta' Lulju 2005 (Dok. C a fol. 5 tal-process); skrittura ohra ta' self ta' sterlina 40,000 fit-30 ta' Lulju 2005; u skrittura ohra ta' self ta' sterlina 41,500 fid-19 ta' Settembru 2006.

Dawn l-iskritturi jidhru ffirmati mill-partijiet.

L-attur jispjega illi l-kontendenti kienu ilhom jafu lil xulxin xi 35 sena u kienu hbieb u missier l-attur u l-konvenut kienu girien. Il-konvenut talbu l-ewwel self fl-2003 billi kellu bzonn xi flus biex jibni xi appartamenti vicin taghhom u billi kien jidher li ghandu bzonn serju ghal dawn il-flus accetta li jsellifhomlu bl-imghax. L-iskrittura ghamilha l-konvenut u giet iffirmata. Billi l-attur ma hallasx l-imghax

miftiehem, l-attur kien kellmu pero l-konvenut serrahlu rasu u qallu li kien ser ibiegh xi appartamenti ‘on plan’ u jhallsu. Ghalkemm kellmu diversi drabi, il-konvenut baqa’ ma hallsux pero darba l-konvenut hallaslu ghal xi fixtures u fittings ta’ karma tal-banju li l-attur kien qed jistalla f’daru pero ma jafx kemm fil-fatt nefaq il-konvenut.

Hu afda fil-konvenut u nnota li l-binja li l-konvenut qallu kien qed jibni kienet tielgha bil-mod.

Fl-2005 ried jixtri garage u l-konvenut ikkonvinieh jixtri wiehed mill-blokka li kien qed jibni u ftehmu fuq wiehed ‘on plan’ bil-prezz ta’ sterlina 8,500 pero l-konvenut talbu l-hlas f’cash u l-attur hallas. Meta pero mar jara l-garage rrealizza li ma kienx hemm spazju biex idahhal dghajsa bi trailer u l-konvenut qallu li kien ser isiblu garage iehor pero sadattant ghamlu skrittura biex jigi ddikjarat li l-attur ghaddielu l-flus lil konvenut. L-iskrittura ghamilha l-konvenut u qallu li ma kienx hemm bzonn li jsemmi garage.

Fl-istess zmien il-konvenut ikkonvinieh jixtri wiehed mill-appartamenti u ssir tpacija mal-ammont li kien sellfu l-attur. L-attur haseb li kien ikun ahjar hekk milli jistenna l-hlas. Ghogbu penthouse u ftiehem mal-konvenut li jzidu sterlina 40,000 ma’ dak li kien gia dovut lill-attur u jiehu l-penthouse. Kien jaf li kien hemm problema bil-permessi pero l-konvenut qallu li kien qed jissanzjonah. F’Lulju 2005 hu hallas is-somma ta’ sterlina 40,000 lil konvenut (Dok. D a fol. 6 tal-process). Ftit wara sar jaf li l-konvenut kien ghaddej minn proceduri ta’ separazzjoni personali u li l-assi tieghu kienu gew frizati, u ghalhekk ma setghax ikompli bil- binja u t-trasferiment tal-penthouse ma setghax isehh.

F’Settembru 2006 il-konvenut u bintu kellmuh u qalulu li kienu ddisprati ghal flus u li jekk ma kienx ser ikollhom xi flus f’idejhom ma kienx ser ikun possibbli li jkompli jibni. Talbu self biex ikun jista’ jitkompla l-binja, u mal-bejgh tal-appartamenti jitrasferilu l-penthouse u jhallsu ta’ dan is-self gdid. Fil-fatt saret skrittura ta’ self f’Settembru 2006 ta’ sterlina 41,500 li minnhom l-attur hallsu cash dak il-hin

sterlina 2,500 (Dok F a fol. 8 tal-process). Il-hlas lura kellu jsir sa Novembru peress illi l-konvenut qallu li l-binja kienet kwazi lesta.

L-attur kien iqatta hafna zmien barra minn Malta u meta gie f'Malta fl-2008, il-konvenut selfu garage fejn ipoggi l-karozza u xi materjal iehor u pproponielu li jitrasferilu l-garage in sodisfazzjon tas-self kollu li kien sar. L-attur gab estate agent li stmalu l-garage bejn Lm35,000 u Lm40,000. L-attur accetta pero l-konvenut qallu li ma setghux imorru ghand in-nutar mill-ewwel ghax kellu xi problemi zghar pero stiednu jibqa' juza l-garage sadattant.

L-attur rega' gie Malta fl-2011 u meta mar il-garage sab li s-serratura tal-garage giet mibdula u meta ttawwal minn tieqa l-affarijiet tieghu ma kienux hemm. Meta kellem lil konvenut qallu li l-bank issekwestra kollox. L-attur ghamel rapport lil pulizija u ghamel il-kawza kontra l-konvenut.

Mart l-attur tikkonferma x-xiehda ta' zewgha billi kienet prezenti ghal laqghat fejn saru l-varji ftehim. Hi zzid biss bhala kjarifika li l-ewwel self sar bi trasferiment bankarju mill-assi li kellu l-attur f'bank fl-Isle of Man fil-bank ta' xelta tal-konvenut.

Il-konvenut jixhed illi l-uniku ammont li ssellef minghand l-attur kien ta' sterlina 30,000 cioe l-ewwel self esebit bhala Dok. B. Il-konvenut ighid li dawn il-flus ma ssellifhomx hu izda l-kumpanija C & J Debono Limited li taghha kien direttur. Hu hallas dan id-debitu fi flus kontanti f'zewg pagamenti fl-2006 u l-attur ma tahx ricevuta. L-ammonti l-ohra msemmija mill-attur qatt ma gew trasferiti lilu jew il-kumpanija tieghu. Hu zied li nieqes mid-dawl u l-attur kien ighidlu jiffirma skritturi relatati mal-VAT ghax qallu li kellu kumpanija u l-flus hargu minnha. Qal ukoll illi dawn l-iskritturi dejjem saru qabel siefer l-attur u peress li qatt ma sar trasferiment kien jahseb li dawn l-iskritturi kienu ser jiskadu u jaqghu. F'salt minnhom l-attur qallu li ried il-flus jew jiehu passi.

**Eccezzjonijiet preliminari**

Qabel ma l-Qorti tidhol fil-mertu tal-azzjoni, il-konvenut ghamel xi eccezzjonijiet li jridu jigu kunsidrati mill-Qorti billi jistghu jolqtu l-mertu.

L-ewwel eccezzjoni li ma jezistux ir-rekwiziti biex il-proceduri jinstemghu bil-procedura tal-artikolu 167(a) tal-Kap. 12 giet sorvolata billi l-konvenut thalla jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u jiddefendi l-kawza.

It-tieni eccezzjoni hi dwar il-legittimu kontradittur. Il-konvenut isostni li kwalunkwe relazzjoni li kellu mal-attur saret fil-kapacita tieghu ta' direttur ghan-non ta' C & J Debono Limited.

Kull persuna hu prezunt li qed jikkuntratta f'ismu proprju sakemm ma jirrizultax il-kuntrarju (artikolu 998 tal-Kap. 16). Il-prova kuntrarja trid issir min min jallegaha. L-iskritturi mertu ta' din l-azzjoni huma kollha fil-konfront tal-konvenut personalment. Ebda kumpanija ma tissemma'. Ma ngiebet ebda prova mill-konvenut li fil-fatt il-kontrattazzjonijiet saru ma' kumpanija u li l-attur kien konsapevoli ta' dan u l-ftehim kien fil-fatt qed isir ma' xi kumpanija. Kwindi l-prezunzjoni tal-ligi mkien ma giet meghluba.

Kien dover tal-konvenut li jaghmilha cara, kemm-il darba ried li hu personalment ma jkunx responsabbili, li hu kien qed jissellef ghan nom tal-kumpanija. Altrimenti tapplika r-regola li wiehed jikkontratta ghalih innifsu u hekk ghandu dritt li jahseb u jirretjeni l-kontrajent l-iehor (ara **E. Borg et noe vs R. Schembri**, App 28/05/1973 u **Zammit vs Rev. N. Okereke**, App 13/6/1991).

It-tielet eccezzjoni hi illi kull ftehim hu null billi kien jirrekjedi l-kunsens ta' mart l-attur u mart il-konvenut ai termini tal-artikolu 1322(3)(f) tal-Kap. 16.

Fl-ewwel lok ma jirrizultax illi l-konvenut jista' jivvanta xi nullita fil-konfront ta' mart l-attur, kif qed jallega. Fl-ewwel lok din in-nullita mhix regolata expressis verbis mill-artikolu 789 tal-Kap. 12 li jirregola n-nullita tal-atti. In oltre l-artikolu 1322(3)(f) citat mill-konvenut jirregola azzjoni

biex tissellef u tislef mhux hlas lura ta’ self kif inhu dan il-kaz fil-konfront tal-attur. Id-dispozizzjonijiet tal-ligi senjatament l-artikolu 1322 et seq. tal-Kap. 16 jaghtu rimedju lil mara mizzewga kontra zewgha meta dan jiddisponi mill-gid tal-komunjoni jew jaggravah minghajr il-kunsens taghha.

F’dan il-kaz mhux talli hemm il-kunsens talli l-affidavit taghha juri bic-car dan il-kunsens ghax kienet taf u partecipi fis-self moghti lil konvenut.

In kwantu ghal fatt illi s-self hu null ghax ma hemmx il-kunsens ta’ mart il-konvenut, jibda biex jinghad illi l-iskritturi ta’ self saru mal-konvenut biss. Jidher mill-atti illi fiz-zmien tas-self il-konvenut kien mizzewweg peress li l-attur u martu stess jiddikjaraw illi f’xi zmien il-konvenut kien ghaddej minn separazzjoni personali ma’ martu. Il-konvenut jikkwota in sostenn tal-argument tieghu l-artikolu 1322(3)(f) tal-Kap. 16 li jghid li self ta’ flus minghand terz hu att ta’ amministrazzjoni straordinarja li jirrikjedi l-kunsens taz-zewg konjugi. Pero harsa lejn l-artikolu 1326(5) ighid illi f’kull att li jirrikjedi l-kunsens taz-zewg konjugi izda jsir min sieheb wiehed u jirrigwarda mobbli l-att ma jistax jigi annullat mill-konjugi li l-kunsens tieghu ma jkunx inghata izda ghandu biss dritt ta’ rivalsa kontra s-sieheb ghal re-integrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jew li jaghmel tajjeb ghat-telf subit.

Il-kwistjoni quddiem il-Qorti hi wahda ta’ self ta’ flus li bi u minghajr il-kunsens tal-konjugi l-iehor ma jistax jigi annullat a bazi tal-artikolu 1322(3)(f) kif pretiz.

L-eccezzjoni l-ohra ta’ natura preliminari cioe illi l-lista tax-xhieda hi nieqsa mir-rekwizit tad-deskrizzjoni tal-prova li ser jinghata ghalkemm formalment flokha pero l-konvenut fl-ebda hin ma nsista fuqha fil-pendenza tal-kawza u l-provi tressqu bla xkiel u kwindi tista’ tiqies rinunzjata. In oltre kif jirrizulta mill-atti l-unici persuni li xehdu in sostenn tat-tezi attrici huma l-atturi li fil-lista tax-xhieda hemm indikat l-iskop tax-xiehda taghhom.

**Mertu**

Skartati l-eccezzjonijiet preliminari jibqa’ l-mertu tal-azzjoni. L-attur qed jistrieh fuq il-prova primarja tieghu cioe l-iskritturi ta’ self li saru mal-konvenut u ffirmati minnu. L-attur jispjega illi l-iskritturi saru a bazi ta’ flus li ghaddew ghand il-konvenut biex isostni n-negozju tal-bini tieghu u ghalkemm baqa’ jsellfu nonostante s-sitwazzjoni prekarja finanzjarja tal-konvenut, hass illi kien ahjar li jipprova jakkwista parti mill-proprjeta li kien qed jibni l-konvenut milli jistenna l-hlas lura tas-self.

F’sitwazzjonijiet simili ta’ apprezzament ta’ fatti huma kwistjonijiet ta’ l-aktar kredibilita ta’ verzjoni jew ohra li jikkonvincu lil gudikant dwar dak li qed issostni parti u l-ohra tichad. Kif qalet il-Qorti fi **Xuereb vs Gauci et**, App Sup 24/03/2004 fejn hemm konflitt ta’ verzjonijiet il-Qorti ghandha taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista’ tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra u fin-nuqqas tigi applikata l-massimu actore non probante reus absolvitur.

L-attur ghandu favur tieghu skritturi ta’ self konsistenti f’erba’ skritturi cioe Dok. B, C, D u F gia msemmija. Dawn l-iskritturi huma ffirmati mill-partijiet, jindikaw self car u fil-kaz tas-self fil-11 ta’ Lulju 2005 (Dok. C), is-self tat-30 ta’ Lulju 2005 (Dok. D) hemm indikat li s-somma giet trasferita lil konvenut qabel l-iffirmar tal-iskrittura. Is-self tal-11 ta’ Lulju 2003 (Dok. B) u s-self tad-19 ta’ Settembru 2006 (Dok. F) hemm indikat li l-flus kienu ser jigu trasferiti lil konvenut dakinhar tal-iffirmar tal-iskrittura.

Il-konvenut jammetti li sar is-self tal-11 ta’ Lulju 2003 u ghalkemm jaqbel li l-flus ghaddew pero izid li hallas kontanti fl-2006 f’zewg pagamenti minghajr ricevuta. Il-prova tal-hlas trid issir b’mod car u ghalkemm in-nuqqas ta’ ricevuta ma hix prova konklussiva li l-hlas ma sarx pero mill-banda l-ohra l-konvenut ma pprovax jissostanzja b’ebda mod kif sar l-hlas, ezatt meta sehh, kienx hemm xiehda ta’ dan. In fatti l-konvenut naqas li jgib kwalsiasi prova hlief li harrek lir-rapprezentant tal-BOV li ma tefa ebda dawl fuq versamenti jew trasferimenti apparti li x-

xhud tal-BOV gie indirizzat lejn kont bankarju tas-socjeta C & J Debono Limited mhux tal-konvenut personalment.

Huma principji assodati in materji li ghall-prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali. (ara **Ian Abela Fitzpatrick vs Web Trading Limited**, App Inf 24/11/2003) u li hi fil-fatt gurisprudenza pacifika illi min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti. Fid-dubju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx, jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (ara **Andrew Dalli vs Michael Balzan noe**, PA 31/01/2003).

Il-Qorti tqis illi l-iskritturi ta’ self huma prova ta’ dak li fihom. Il-konvenut isostni illi meta ffirma l-iskritturi ma kienx jaf x’qed jiffirma ghax ma tantx jara u haseb li huma relatati mal-VAT kif qallu l-attur. Pero l-Qorti tqis illi din ix-xiehda mhix konvincenti minn persuna tan-negozju u ma ngiebet ebda prova plawsibbli illi l-konvenut ma kienx jaf dak li qed jiffirma ghax ma jarax.

Hu minnu illi f’talba ghal differiment mill-konvenut gie prezentat dokument ta’ appuntament ghall-konvenut fis-sezzjoni oftalmika tal-isptar pero dan jirreferi ghal data fl-2012 fejn anki dan ma jindikax li l-konvenut ma jarax. In ogni kaz l-iskritturi huma datati bejn l-2003 u 2006 cioe hafna zmien qabel dan l-appuntament.

Il-Qorti kienet tkun aktar sodisfatta li kieku l-attur gab prova tat-trasferimenti bankarji, mart l-istess attur tirreferi ghalih fl-affidavit taghha specjalment dak li jirreferi ghall-iskritturi tal-2006 (Dok. F) li jindika li l-flus kellhom jigu trasferiti dakinhar tal-iskrittura. Pero fl-istess waqt il-Qorti ma tqis illi l-provi huma tali li l-attur ma ghandux jigi emmnut illi l-flus fil-fatt ghaddew, kif ghaddew dawk tal-ewwel skrittura li fuqha hemm qbil bejn il-partijiet u li wkoll il-flus kellhom jghaddu dakinhar tal-ftehim u mhux qabel giet iffirmata l-iskrittura kif irrizulta fl-iskrittura Dok. C u D.

Meta tqis il-provi prodotti mill-partijiet il-Qorti hi tal-fehma illi l-attur irnexxielu jipprova fuq bilanc ta’ probabilita illi s-somom imsemmija fl-iskritturi Dok. B, C, D u F ghaddew ghand il-konvenut u dan naqas li jroddhom lura. Mill-banda l-ohra d-difiza tal-konvenut fil-mertu tal-azzjoni tonqos mill-konvincement necessarju biex ixxejjen il-prova skritta attrici cioe dik tal-iskritturi, u fejn l-istess konvenut naqas li jipprova jxejjen dawn il-provi mqar b’kontroezami tal-attur, peress illi l-konvenut naqas li jtella’ provi, oltre l-affidavit qasir tieghu u xiehda inutili ta’ rapprezentant tal-BOV.

Il-konvenut pero ghandu ragun fl-eccezzjoni tieghu rigward l-imghax dovut. Dan l-imghax jecedi dak permess mill-ligi li fi zmien l-iskritturi kien ta’ 8% u mhux oltre (ara artikoli 1139 u 1141 tal-Kap. 16). Ma jfissirx b’daqshekk illi l-iskritturi ta’ self huma nulli izda biss illi l-oghla imghax dovut fuq is-somon mislufa ma ghandux jissupera it-8%, u ghalhekk din l-eccezzjoni fil-mertu tal-konvenut ghandha tintlaqa’

Ghalhekk bhala konkluzjoni l-Qorti tqis li l-attur ghandu dritt ghal hlas tas-somom mislufa skond il-ftehim tal-11 ta’ Lulju 2003 fl-ammont ta’ sterlina 30,000; is-somma mislufa skond il-ftehim tal-11 ta’ Lulju 2005 fl-ammont ta’ sterlina 8,500; is-somma mislufa skond il-ftehim tat-30 ta’ Lulju 2005 fl-ammont ta’ sterlina 40,000; is-somma mislufa fid-19 ta’ Settembru 2006 fl-ammont ta’ sterlina 41,500. Is-somma indikata fl-iskrittura tal-11 ta’ Lulju 2006 hi ripetizzjoni tal-iskrittura tal-11 ta’ Lulju 2003 u hi biss estensjoni ghal pagament tal-istess somma. B’kollox l-attur kien dovut is-somma ta’ sterlina 120,000 ekwivalenti ghal €141,181 bir-rata ta’ kambju fid-data ta’ din is-sentenza.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut hlief dak li tirrigwarda r-rata ta’ imghax dovut u tilqa’ t-talbiet attrici limitament ghas-somma ta’ sterlini 120,000 ekwivalenti ghal

€141,181 bl-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) fuq is somon mislufa kif dovuti skond l-iskritturi relattivi ghas-somom mislufa u l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal wiehed minn hamsa (1/5) ghall-attur u erba’ minn hamsa (4/5) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------